MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2014

Numru. 576/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**
**vs**
**Kevin Drew**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Kevin Drew** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 112773M;

1. Akkuzat talli kellek fil-pussess tieghek id-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta'

Malta li jkollok d-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skont ir-ricetta kif provduta fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-droga perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Talli ma obdejtx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallejtx jew fixkilt waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indhalt fi dmiru, billi ma hallejtx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel.

3. Talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunajt hruq, jew ghamilt xi hsara jew hassart jew gharraqt xi haga, ghad-dannu ta' PC 1589 Tariq Shaikh.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali skont il-Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta sabiex l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti u jwiegeb ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif minnu registrata fis-seduta li fiha tressaq arrestat quddiemha;

Rat l-atti kollha tal-kawza u stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli tat-taqsima 4 u 6 tal-Kapitolu 101 u GN 292/1939, 338(ee) u 328(d) tal-Kapitolu 9;

Kwantu l-ewwel u t-tielet akkuza, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skont l-art 22 tal-Kap 446 u kwantu it-tieni akkuza tikkundannah ghal-hlas ta' ammenda ta' €50.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza;

Il-Qorti inoltre tordna l-konfiska u distruzzjoni tad-droga esebita u dan mir-Registratur tal-Qrati ghas-spejjez tal-imputat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------